MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-27 ta' Frar, 2006

Avviz Numru. 476/2003

**Mangion Brothers Zurrieq Limited**

**Vs**

**Paul Farrugia u Joseph Farrugia personalment kif wkoll esercjenti l-kummerc taht l-isem ta' Farrugia Brothers**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' elfejn tlett mija hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm2325.00) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' materjal ta' kostruzjoni lilhom mibjugh u kkonsennjat fuq ordnijiet taghhom.

Bl-ispejjes, u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effetiv kontra l-konvenut li huma ngunti sabiex jixhdu u ghas-subizzjoni

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex l-istess konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, l-istess konvenuti naqsu u ma dehrux fil-15 ta’ Frar 2006 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti fil-kwalitajiet taghhom premessi sabiex ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm2325.00 bl-imghax legali mill-24 ta’ Settembru 2003 sad-data tal-pagament effetiv u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------